



Il-kumpens dovut lill-passiġġieri fil-każ ta' kanċellazzjoni jew ta' dewmien twil b'titjira konnessa direttament għandu jiġi kkalkolat skont id-distanza diretta bejn l-ajruporti tat-tluq u tal-wasla

Il-fatt li d-distanza effettivament ivvjaġġata minn tali titjira hija, minħabba l-konnessjoni diretta, ikbar mid-distanza bejn l-ajruporti tat-tluq u tal-wasla ma għandux effett fuq il-kalkolu tal-kumpens

Birgit Bossen, Anja Bossen u Gudula Gräßmann ivjaġġaw minn Ruma sa Hamburg minn Brussell permezz ta' titjira mwettqa minn Brussels Airlines. Peress li t-titjira tagħhom waslet f'Hamburg b'dewmien ta' tul ta' tliet sigħat u ħamsin minuta meta mqabbel mal-ħin tal-wasla inizjalment previst, huma ppreżentaw rikors quddiem l-Amtsgericht Hamburg (tribunal tad-distrett ta' Hamburg, il-Ġermanja) sabiex jiksbu l-kumpens previst mir-regolament tal-Unjoni fuq il-kumpens tal-passiġġieri tal-ajru¹.

Dan ir-regolament, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprovdi b'mod partikolari li, fil-każ ta' dewmien ta' tliet sigħat jew iktar, il-passiġġieri għandhom dritt għal kumpens ta' EUR 250 għat-titjiriet ta' 1500 kilometru jew inqas u ta' EUR 400 għat-titjiriet ta' iktar minn 1500 kilometru li jikkollegaw żewġ Istituti Membri.

F'dan il-kuntest, il-qorti Ġermaniża tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-każ ta' vjaġġ imwettaq permezz ta' titjiriet konnessi, id-distanza totali tat-titjira tikkorrispondix għad-distanza bejn l-ajruport tat-tluq u l-ajruport tal-wasla (jiġifieri f'dan il-każ 1 326 km bejn Ruma u Hamburg) jew jekk għandhiex tiġi kkalkolata skont id-distanza effettivament ivvjaġġata (jiġifieri f'dan il-każ 1 656 km, jiġifieri 1 173 km bejn Ruma u Brussell, u 483 km bejn Brussell u Hamburg). Mir-risposta għal din id-domanda ser jiddependi l-ammont tal-kumpens dovut lill-passiġġieri kkonċernati.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija f'din il-ġurnata, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata qabelxejn li, fil-kuntest tad-dritt għal kumpens, ir-regolament **ma jagħmel ebda distinzjoni skont jekk il-passiġġieri kkonċernati jilħqux id-destinazzjoni finali tagħhom permezz ta' titjira diretta jew b'titjiriet konnessi**. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, fiż-żewġ każijiet, il-passiġġieri għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod fil-kalkolu tal-ammont tal-kumpens.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-iskali differenti tal-ammont tal-kumpens previsti mir-regolament jitqiesu li jirriflettu d-differenzi fil-grad ta' inkonvenjenza li l-passiġġieri jsofru għaliex jiġu mċaħda mill-possibbiltà li jorganizzaw mill-ġdid b'mod liberu l-ispostamenti tagħhom, kif ukoll minħabba t-telf ta' ħin marbut mal-kanċellazzjoni jew mad-dewmien kbir tat-titjira tagħhom.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **n-natura tat-titjira (titjira diretta jew titjiriet konnessi) ma taggravax fiha nnifisha l-grad ta' inkonvenjenza li l-passiġġieri jsofru**. Konsegwentement, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens fil-każ ta' titjiriet konnessi, **hija biss id-distanza li titjira diretta kienet tkopri bejn l-ajruport tat-tluq u l-ajruport tal-wasla li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni**. Il-fatt li d-distanza effettivament ivvjaġġata hija, minħabba

¹ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallew x jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

titjiriet konnessi, ikbar mid-distanza bejn l-ajruporti tat-tluq u tal-wasla ma għandhiex effett fuq il-kalkolu tal-kumpens.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3533

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ (+32) 2 2964106